28 ta' Marzu 2008

**STQARRIJA TAL-FKNK....**

**Il-kawża li l-Kummissjoni Ewropeja qed tagħmel kontra Malta fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa rigward il-kaċċa fir-rebbiegħa:**

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) tagħmel referenza għas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-kawża li l-Kummissjoni Ewropeja qed tagħmel kontra Malta fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa rigward il-kaċċa fir-rebbiegħa, u f'dan il-kuntest l-FKNK tixtieq tavża formalment dan li ġej:-

1. Kif jafu l-membri tagħha u l-kaċċaturi u n-nassaba inġenerali, il-Kummissjoni Ewropeja ppreżentat kawża fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa kontra Malta sabiex Malta tiġi mwaqqfa milli tkompli tippermetti l-kaċċa fir-rebbiegħa. Il-Kummissjoni Ewropeja ppreżentat żewġ atti kontra Malta - waħda hija l-kawża nnifisha u l-oħra hija talba sabiex sakemm tinqata l-kawża prinċipali jiġi sospiż il-ftuħ ta' l-istaġun matul ir-rebbiegħa minn din is-sena.

2. Malta ppreżentat ir-Risposta tagħha għal din it-talba fis-7 ta' Marzu 2008. Ir-Risposta ġiet ippreżentata mill-Avukat Ġenerali għan-nom tar-Repubblika ta' Malta.

3. F'dan l-istadju tal-proċeduri l-FKNK ingħatat l-opportunita' illi ssegwi mil-qrib bl-għajnuna ta' l-avukati tagħha kif ukoll bl-assistenza tal-FACE, il-proċess li bih ġiet magħmula u wara ppreżentata din ir-Risposta. Għalkemm kif inhu magħruf l-FKNK ma kienitx involuta fin-negozjati li saru qabel l-isħubija fl-Unjoni Ewropeja, kif ukoll injorata f'diversi perjodi ta' żmien mill-awtoritajiet kompetenti anki sa ftit ilu, u għalhekk l-FKNK f'diversi okkażjonijiet tat il-veduti u l-fhemiet tagħha dwar dan, f'dan l-istadju partikolari tal-proċeduri hija l-fehema ta' l-FKNK illi fiċ-ċirkostanzi ta' llum Malta ppreżentat l-aħjar difiża li setgħat tippreżenta.

4. L-FKNK tinsab informata illi hemm seduta fil-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu nhar l-Erbgħa 2 ta' April 2008, illi fiha l-avukati ta' l-Kummissjoni Ewropeja kif ukoll l-avukati ta' Malta sejrin jagħmlu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom fuq dan il-każ.

5. L-FKNK għalhekk wara din id-data tkun tistenna d-deċizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar it-talba magħmula mill-Gvern Malti biex jitħalla jiftaħ l-istaġun tar-rebbiegħa minn din is-sena, kif wara kollox kien ġie miftiehem bejn il-Gvern Malti u l-Unjoni Ewropeja qabel is-sħubija permezz ta' arranġament speċjali abbażi ta' liema arranġament l-istess Gvern Malti kien ukoll wiegħed, anki ddokumenta, ż-żamma ta' din it-tradizzjoni soċjo-kulturali Maltija liċ-ċittadini kaċċaturi u nassaba Maltin. Dan dejjem sakemm tinqata' l-kawża prinċipali, li tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-ġimgħa d-dieħla l-kawża prinċipali xorta trid eventwalment tinstema ukoll mill-istess Qorti tal-Ġustizzja tal-Ewropa.

6. L-FKNK tibqa’ tgħarraf il-membri tagħha dwar kull żvilupp hekk kif iseħħ u hija qed iżżomm kuntatti kontinwi ma l-awtoritajiet kollha kompetenti dejjem fl-aħjar interess tal-membri tagħha biex hekk kif ikun hemm kull żvilupp dan jiġi mgħoddi mall-ewwel lill-membri, u biex sa fejn jista’ jkun anki f’dan l-istadju l-FKNK tkun tista tipparteċipa sa fejn hu possibli fuq dak kollox li għandu jsir u tagħti kif dejjem offriet u kienet disposta li tagħti l-għajnuna tagħha.

**Ittri mibgħuta mill-FKNK:**

- Fil-jiem li għaddew l-FKNK bagħtet ittra lill-Prim Ministru, l-Onorevoli Lawrence Gonzi, u hija mistennija laqgħa mal-istess Prim Ministru fil-jiem li ġejjin fejn tkun tista ‘ssir diskussjoni rigward is-sitwazzjoni preżenti, partikolarment rigward il-kawża li l-Kummissjoni Ewropeja għamlet kontra Malta minħabba l-kaċċa fir-rebbiegħa.
- L-FKNK bagħtet ittra oħra lill-Ministru tal-Ġustizzja, l-Onorevoli Carm Mifsud Bonnici, b’kopja lill-Prim Ministru u l-Kummissarju tad-Data Protection, rigward il-preokupazzjoni tal-FKNK minħabba l-konfront li jista jinħoloq matul April b’konsegwenza ta’ hekk imsejjaħ ‘Bird Camp’ li se torganizza l-BirdLife (Malta) bl-għajnuna ta’ diversi stranġieri li se jkunu f’Malta jilgħabuha ta’ Pulizija f’kaċċa għall-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin. Sallum l-FKNK mgħanda ebda risposta mill-Ministru Mifsud Bonnici.
- Ittra oħra intbagħtet lill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dolores Cristina, rigward id-diskriminizzazjoni li qed issir f’diversi skejjel primarji minn xi għalliema, ma’ tfal ta’ kaċċaturi u nassaba. Din l-kampanja ta’ ‘brainwashing’ hija kampanja oħra mimlija mibgħeda, din id-darba mhux biss xogħol tal-BirdLife (Malta) pero’ ukoll tan-Nature Trust. Il-Ministru Dolores Cristina wegħdet li tinvestiga u wara se tiltaqa ukoll mal-FKNK.

FKNK